# ĠUSTIZZJA SOĊJALI

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Għamos**
**Għam 6, 1a. 4-7**

Dan igħid il-Mulej li jista' kollox:
Ħażin għalihom
dawk li f'Sijon għandhom moħħhom mistrieħ,
dawk li qalbhom qawwija fil-muntanja
tas-Samarija.
Fuq sodod ta' l-avorju mimdudin,
jitmattru fuq il-friex;
u ħrief il-merħla jieklu,
għoġiela sbieħ mill-maqjel.
Ma' l-arpa jqabblu l-għana,
bħal David jivvintawhom l-istrumenti.
L-inbid ilegilguh minn bwieqi kbar,
u bl-ifjen żjut jindilku,
bla xejn ma jsewdu qalbhom
għall-qerda ta' Ġużeppi.
Għalhekk dalwaqt imorru lejn il-jasar,
l-ewwel fost l-imjassrin;
jieqaf imbagħad l-għajjat tal-mitruħin.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 145**
**Faħħar, ruħ tiegħi, 'il Mulej**

Hu li jagħmel ħaqq lill-maħqurin:
li jagħti l-ħobż lill-imġewħin.
Il-Mulej jeħles 'l imjassrin;
Il-Mulej jiftaħ għajnejn il-għomja.
Il-Mulej jerfa' 'l milwijin,
Il-Mulej iħobb il-ġusti.

**R/. Faħħar, ruħ tiegħi, 'il Mulej.**

Il-Mulej iħares 'il barranin,
iżomm 'l iltim u 'l armla;
imma triqat il-ħżiena jħarbathom.
Il-Mulej isaltan għal dejjem,
Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel.

**R/. Faħħar, ruħ tiegħi, 'il Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju**
**1 Tim 6, 11-16**

Int, bniedem ta' Alla, fittex li jkollok il-ġustizzja, it-tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa. Tqabad it-taqbida tajba tal-fidi; qis li tirbaħ il-ħajja ta' dejjem, li għaliha kont imsejjaħ, u li tagħha għamilt l-istqarrija sabiħa quddiem ħafna xiehda.
Inwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem Kristu Ġesu' li xehed l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzju Pilatu, inwissik biex tħares il-liġi bla tebgħa u bla ħtija sad-dehra ta' Sidna Ġesu' Kristu; din għad juriha f'waqtha dak li hu imbierek u waħdu setgħani, is-Sultan tas-slaten u s-Sid tas-sidien; hu biss ma jmut qatt, u jgħammar f'dawl li ħadd ma jista' jersaq lejh; hu, li ebda bniedem qatt ma rah u anqas jarah. Lilu ġieh u setgħa għal dejjem! Amen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Il-preċetti tiegħek, Mulej, ta' min joqgħod fuqhom,
imwettqin għal dejjem ta' dejjem.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 16, 19-31**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lill-Fariżej: "Kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen, li l-hena tiegħu kien li jagħmel kuljum ikla mill-aħjar. U wieħed fqir jismu Lażżru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet ħdejn id-daħla ta' daru, bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sa l-klieb kienu jmorru jilagħqu l-ġrieħi tiegħu.
Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll il-għani u difnuh. Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'art il-mejtin, refa' ħarstu, u mil-bogħod lemaħ l-Abraham, b'Lażżru fi ħdanu. U għolla leħnu u qallu, 'Missier Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat 'il Lażżru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-niexfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed ninħaqar wisq f'dan in-nar.''
'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll Lażżru, il-Ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt li inti qiegħed tbati. Barra minn dan, beraħ vojt bla qjies qiegħed bejnkom u bejnna, biex minn ikun irid jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', anqas ma jgħaddu minn hemm għal għandna.'
Qallu l-għani, 'Mela, nitolbok, missier, ibagħtu f'dar missieri, għax għandi ħames aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif imiss, li ma jmorrux huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox.' Qallu Abraham, 'Għandhom' 'il Mose' u 'l Profeti: jisimgħu lilhom.' 'Le, missier, Abraham,' qallu dak, 'imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-imwiet, jindmu.' Iżda wieġbu Abraham, 'Jekk ma jisimgħux 'il Mose' u 'l Profeti, anqas jekk iqum xi ħadd mill-imwiet ma jġagħalhom jemmnu.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**